# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/13

### tad-19 ta' Diċembru 2019

### li temenda d-direttivi ta' negozjar għan-negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel l-Artikolu 90, l-Artikolu 100(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u adotta direttivi għal dawk in-negozjati.

(2) L-FSE konklużi mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP jinkludu klawżoli rendez-vous għar-rieżami futur ta' dawk il-ftehimiet.

(3) L-emendar tad-direttivi ta' negozjar huwa meħtieġ biex jiġu inkwadrati negozjati ġodda b'mod aktar preċiż fid-dawl ta' inizjattivi u prijoritajiet politiċi reċenti tal-Unjoni hekk kif il-kummerċ jevolvi madwar id-dinja.

(4) L-FSE jiffurmaw parti mir-relazzjoni ġenerali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi AKP, min-naħa l-oħra, kif stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]) kif l-aħħar emendat (il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou) u, ladarba jsir applikabbli, il-ftehim suċċessur tiegħu.. Skont l-Artikolu 34(1) tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou, il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn il-partijiet għandha l-għan li trawwem l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-Istati AKP fl-ekonomija dinjija, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-għażliet politiċi u l-prijoritajiet għall-iżvilupp tagħhom, u b'hekk tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar fil-pajjiżi AKP. F'dan il-kuntest, l-FSE jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu strumenti ta' żvilupp kif imsemmija fl-Artikolu 36(2) tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou. Għalhekk, in-negozjati għandhom b'mod speċjali jqisu l-livelli differenti ta' żvilupp tal-partijiet, kif ukoll ir-restrizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali partikolari tal-pajjiżi AKP u l-kapaċità ta' dawk il-pajjiżi li jadattaw u jaġġustaw l-ekonomiji tagħhom għall-proċess ta' liberalizzazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-direttivi ta' negozjar indirizzati lill-Kummissjoni għan-negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, huma emendati kif stipulat fl-addendum.

*Artikolu 2*

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali għandu jiġi assoċjat fir-rigward ta' materji speċifiċi relatati mal-kummerċ.

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

*ADDENDUM*

**Direttivi ta' negozjati għan-negozjar ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ma' pajjiżi u reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku**

## 1. Preambolu

Minbarra r-referenza ġenerali għall-Ftehim ta' Cotonou u l-Ftehim ([1]) suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli, ser issir referenza speċjali, fost l-oħrajn, għal dan li ġej:

— L-impenn tal-partijiet li jippromwovu u jħaffu l-iżvilupp ekonomiku, kulturali u soċjali tal-Istati tal-AKP, bil-ħsieb li jingħata kontribut għall-paċi, għall-prosperità, għas-sigurtà u għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għall-promozzjoni ta' ambjent politiku stabbli u demokratiku;

— L-impenn tal-partijiet għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ewlenin tax-xogħol, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, li jikkostitwixxu l-elementi essenzjali tas-Sħubija AKP-UE u l-governanza tajba, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tikkostitwixxi element fundamentali tas-Sħubija AKP-UE;

— L-impenn tal-partijiet lejn sett ta' prinċipji u regoli maqbula internazzjonalment li għandhom l-għan li jrawmu relazzjoni ta' appoġġ reċiproku bejn il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-appoġġ tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (Aġenda 2030) u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, il-ftehimiet u l-istandards internazzjonali dwar ix-xogħol, inkluż il-promozzjoni ta' impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, u ftehimiet internazzjonali dwar il-klima, bħall-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima;

— L-impenn tal-partijiet li jiffukaw is-sħubija tagħhom fuq l-għan li jnaqqsu u jeqirdu l-faqar, konsistenti mal-objettivi ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi tal-AKP fl-ekonomija dinjija; li tinbena, għalhekk, il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn l-AKP u l-UE dwar l-inizjattivi ta' integrazzjoni reġjonali li jeżistu fil-pajjiżi tal-AKP;

— L-għan tal-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali AKP-UE biex titrawwem l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-Istati tal-AKP fl-ekonomija dinjija, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-għażliet politiċi u l-prijoritajiet ta' żvilupp tagħhom, u b'mod partikolari l-istrateġiji tagħhom stess għat-tnaqqis tal-faqar, u b'hekk jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u jingħata kontribut għall-qerda tal-faqar fil-pajjiżi tal-AKP;

— L-impenn tal-partijiet li jappoġġaw il-proċess ta' integrazzjoni reġjonali fi ħdan il-Grupp ta' Stati AKP u li jrawmu l-integrazzjoni reġjonali bħala strument ewlieni għall-integrazzjoni tal-pajjiżi tal-AKP fl-ekonomija dinjija;

— L-impenn tal-partijiet biex isaħħu l-kooperazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta' investiment u biex joħolqu dinamika ġdida ta' kummerċ u ta' investiment bejniethom, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata t-transizzjoni tal-pajjiżi tal-AKP għal ekonomija globali liberalizzata u li jitrawwem l-iżvilupp tas-settur privat u b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs);

— L-impenn tal-partijiet li jqisu l-ħtiġijiet u l-livelli differenti ta' żvilupp tal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP;

— L-impenn tal-partijiet li jirrispettaw l-obbligi tagħhom fi ħdan il-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u biex imexxu 'l quddiem l-għanijiet tad-WTO;

— L-objettiv konġunt tal-partijiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità, kif xieraq, fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ u l-investiment sostenibbli, u li jiksbu liberalizzazzjoni progressiva u reċiproka tal-kummerċ fi prodotti u servizzi, skont ir-regoli tad-WTO, filwaqt li jitqies il-livell ta' żvilupp tal-pajjiżi tal-AKP u r-restrizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali li qed jiffaċċjaw;

— L-impenji tal-partijiet biex jiżguraw li l-isforzi mwettqa fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou u l-ftehim suċċessur tiegħu u dawk meħuda fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku;

([1]) Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat bil-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u bil-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

— Id-dritt li jirregolaw l-attività ekonomika fl-interess pubbliku skont l-obbligi internazzjonali, biex jiksbu objettivi ta' politika pubblika leġittimi bħall-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni pubblika, is-sigurtà, l-ambjent, il-morali pubblika, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumaturi, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

## 2. Natura u Kamp tal-Applikazzjoni tal-FSE

L-għan tan-negozjati huwa li jiġu konklużi FSE bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-pajjiżi u r-reġjuni tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-oħra. L-FSE għandhom jimmiraw għall-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-Istati AKP fl-ekonomija dinjija, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-għażliet politiċi u prijoritajiet ta' żvilupp tagħhom, li permezz tagħhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u jikkontribwixxu biex jintemm il-faqar fil-pajjiżi tal-AKP.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36(1) tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli, in-negozjati għandhom jimmiraw li jistabbilixxu u, fejn applikabbli, li japprofondixxu l-FSE ma' sottogruppi tal-AKP definiti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37(3) tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur, ladarba applikabbli, b'kont meħud tal-proċess ta' integrazzjoni reġjonali fi ħdan l-AKP.

L-FSE għandhom ikunu diretti lejn it-trawwim ta' integrazzjoni ekonomika eqreb bejn il-partijiet, billi jitneħħew progressivament l-ostakli għall-kummerċ ta' bejniethom u billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ, b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tad-WTO.

L-FSE għandhom ikunu bbażati fuq l-objettivi u l-prinċipji tal-Ftehim ta' Cotonou, u b'mod partikolari mal-elementi essenzjali u fundamentali tiegħu, u mad-dispożizzjonijiet tal-Parti III, it-Titolu II tiegħu, u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba jkunu applikabbli. In-negozjati tal-FSE għandhom għalhekk b'mod partikolari jqisu l-livelli differenti ta' żvilupp tal-partijiet, kif ukoll tar-restrizzjonijiet partikolari ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi tal-AKP u l-kapaċità li jadattaw u jaġġustaw l-ekonomiji tagħhom għall-proċess ta' liberalizzazzjoni.

## 3. Kummerċ ta' Prodotti

### 3.1. *Għan*

L-FSE għandhom ikunu diretti lejn l-istabbiliment ta' żoni ta' kummerċ ħieles bejn il-partijiet, fuq il-bażi tal-objettivi ta' żvilupp tal-Ftehim ta' Cotonou u l-ftehim suċċessur tiegħu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-WTO. Għalhekk, huwa mifhum li l-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-suq li ġejjin ikunu disponibbli biss fil-kuntest ta' dawn l-FSE. Kwalunkwe negozjat futur ta' FSE dwar il-kummerċ ta' prodotti għandu jibni fuq l-acquis ta' dispożizzjonijiet li diġà ġew innegozjati.

### 3.2. *Dazju tal-importazzjoni*

— Importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea

Il-FSE għandhom jibnu fuq il-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq attwalment ipprovduti u jkomplu jtejbuhom. L-arranġamenti speċifiċi għal aktar tneħħija ta' tariffi għandhom jiġu stabbiliti matul in-negozjati, b'kont meħud tal-interessi eżistenti u potenzjali tal-pajjiżi tal-AKP u tal-impatt tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ b'mod partikolari fuq l-integrazzjoni reġjonali fi ħdan l-AKP.

— Importazzjonijiet fil-pajjiżi AKP

Bl-objettiv prinċipali tal-promozzjoni sostenibbli tal-iżvilupp permezz ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali u politiki adegwati, in-negozjati ser isegwu (1) l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq importazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea għal dak li hu sostanzjalment il-kummerċ kollu matul perijodu tranżitorju, u (2) it-tneħħija ta' kull imposta li jkollha effett ekwivalenti għal dazji doganali mal-applikazzjoni tal-FSE u (3) t-tneħħija ta' restrizzjonijiet u miżuri kwantitattivi li jkollhom effett ekwivalenti mal-applikazzjoni tal-FSE.

L-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi u l-kopertura tal-prodott finali tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ mill-pajjiżi tal-AKP ser jirriflettu r-restrizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali li qed jiffaċċjaw, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jadattaw l-ekonomiji tagħhom għall-proċess ta' liberalizzazzjoni. Għalhekk, perijodu tranżitorju, kompatibbli mal-objettivi tal-Ftehim ta' Cotonou, il-ftehim suċċessur tiegħu u r-regoli tad-WTO, ser jiġi applikat b'mod flessibbli, biex jitqiesu r-restrizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi tal-AKP ikkonċernati. L-istess flessibbiltà ser tiġi applikata fir-rigward tal-kopertura tal-prodotti u l-kalendarju/ir-ritmu ta' impenji ta' liberalizzazzjoni mill-pajjiżi tal-AKP.

Minkejja dan ta' hawn fuq, il-pajjiżi tal-AKP għandhom jagħtu lill-Unjoni Ewropea fi kwalunkwe ħin trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament MFN. Dan ma japplikax fir-rigward ta' konċessjonijiet magħmula bejn il-pajjiżi tal-AKP jew mill-pajjiżi tal-AKP għal pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw, li mhumiex ekonomiji kummerċjali kbar, fil-qafas ta' ftehimiet reġjonali jew dispożizzjonijiet kummerċjali oħra kompatibbli mar-rekwiżiti tad-WTO.

Matul in-negozjati, u fid-dawl tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-FSE milħuqa fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou u l-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli, ser jitqiesu l-interessi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, l-FSE jistgħu b'mod partikolari jipprevedu miżuri speċifiċi favur prodotti minn dawn ir-reġjuni, immirati lejn l-integrazzjoni tagħhom fil-kummerċ intrareġjonali fuq medda qasira ta' żmien, skont id-dispożizzjoni tad-WTO. Fid-dawl tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija ([2]), l-interessi tal-pajjiżi u tat-territorji barranin għandhom jitqiesu wkoll.

Il-pajjiżi tal-AKP għandhom jimpenjaw ruħhom, tal-inqas, li jestendu awtomatikament it-trattament mogħti lill-Unjoni Ewropea lill-partijiet l-oħra kollha tal-FSE kkonċernat, preferibbilment qabel il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ vis-à-vis l-Unjoni Ewropea.

Fejn ikun hemm diffikultajiet serji bħala riżultat tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, il-pajjiżi tal-AKP jistgħu, f'konsultazzjoni mal-Unjoni Ewropea, jissospendu temporanjament l-applikazzjoni tal-iskeda ta' liberalizzazzjoni u, fejn meħtieġ, jimmodulaw mill-ġdid jew jaġġustaw ir-rata ta' progress lejn l-istabbiliment finali taż-żona ta' kummerċ ħieles, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tad-WTO.

Il-pjanijiet ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ u l-iskeda tal-pajjiżi tal-AKP għandhom ikunu parti mill-FSE. Dan għandu jinkludi l-listi xierqa ta' prodotti, kif ukoll l-iskedi ta' żmien għat-tneħħija tat-tariffi. Dawn il-listi u l-iskedi ser jiġu ffinalizzati matul in-negozjati.

— Dazji bażiċi

Id-dazji bażiċi li għalihom għandu jiġi applikat it-tnaqqis miftiehem għandhom ikunu d-dazji MFN effettivament applikati mill-pajjiżi tal-AKP fil-jum tal-iffirmar tal-FSE. Huma għandhom jiġu definiti f'lista mehmuża ma' kull FSE.

3.3. *Dispożizzjonijiet ġenerali*

**Dazji tal-Esportazzjoni**. Kwalunkwe dazju tal-esportazzjoni applikat fil-kummerċ bejn il-partijiet għandu jiġi eliminat fuq skeda ta' żmien miftiehma li ma taqbiżx l-għaxar snin.

Ir-**Restrizzjonijiet Kwantitattivi** u l-miżuri li għandhom effett ekwivalenti applikati għall-esportazzjoni jew l-importazzjoni fil-kummerċ bejn il-partijiet għandhom jitneħħew mal-applikazzjoni tal-FSE.

**It-Trattament Nazzjonali u l-Miżuri Fiskali**. Provvediment ta' trattament nazzjonali standard, li jiżgura li l-prodotti tal-partijiet jirċievu trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil prodotti simili ta' oriġini nazzjonali, ser jiġi inkluż fl-FSE. Kull miżura jew prattika fiskali interna diskriminatorja li diġà teżisti ser tiġi eliminata mal-applikazzjoni tal-FSE.

**Tassazzjoni**. L-FSE għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-eċċezzjoni fir-rigward tat-tassazzjoni abbażi tal-artikoli rilevanti tal-ftehimiet tad-WTO.

**Veloċità Varjabbli**. Fejn kompatibbli mal-għanijiet ta' integrazzjoni tar-reġjuni AKP ikkonċernati, l-FSE għandhom jipprovdu għal veloċità varjabbli fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, filwaqt li jitqies il-livell ta' żvilupp tal-pajjiżi tal-AKP ikkonċernati, kif ukoll tal-intensitajiet differenti ta' integrazzjoni li jistgħu jeżistu fir-reġjun, skont il-proċess tal-integrazzjoni interna tar-reġjun.

**Klawsola ta' Sigurtà tal-Ikel**. L-FSE għandhom jinkludu dispożizzjonijiet immirati lejn it-trawwim tas-sigurtà tal-ikel f'konformità mar-regoli tad-WTO.

**Salvagwardji**. Id-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja għandhom japplikaw, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-WTO.

**Antidumping**. Jekk waħda mill-partijiet issib li qed isir dumping jew sussidju ta' ħsara fil-kummerċ mill-parti l-oħra fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-GATT, tista' tieħu miżuri xierqa kontra din il-prattika, skont ir-regoli u l-prattiċi tal-GATT/WTO. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea għandha tieħu kont speċjali tas-sitwazzjoni partikolari ekonomika u soċjali tal-pajjiżi tal-AKP ikkonċernati.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija"), ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1.

**Status Quo**. Il-partijiet ser jaqblu li l-ebda dazju ġdid ma jiġi introdott u lanqas ma jiżdiedu d-dazji eżistenti u li l-ebda restrizzjoni u lanqas miżura kwantitattiva ġdida li għandha effett ekwivalenti m'għandha tiġi introdotta minn waħda mill-partijiet wara l-applikazzjoni tal-FSE bejn ir-raggruppament reġjonali u l-Unjoni Ewropea. Il-partijiet għandhom iqisu dan il-prinċipju mill-bidu tan-negozjati.

**Trasparenza**. Iż-żewġ naħat ser ikunu meħtieġa jikkomunikaw lil xulxin l-iskeda tariffarja doganali tagħhom u l-emendi sussegwenti kollha li jsirulha.

**Klassifikazzjoni tal-Prodotti**. Is-Sistema Armonizzata għandha tapplika għall-klassifikazzjoni ta' prodotti fil-kummerċ bejn il-partijiet.

3.4. *Regoli tal-oriġini, kooperazzjoni amministrattiva*

In-negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva għandhom iqisu l-aħħar żviluppi fir-regoli tal-oriġini tal-UE, kif ukoll ir-regoli tal-oriġini eżistenti taħt kull FSE. F'dan il-kuntest l-Unjoni Ewropea għandha tevalwa kull talba speċifika għal bidliet fir-regoli ta' oriġini, preżentati mill-Istat(i) tal-AKP, immirati lejn is-simplifikazzjoni tar-regoli eżistenti u t-titjib tal-aċċess għas-suq attwali għall-AKP, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi u, b'mod partikolari, l-esperjenza u l-istruttura tar-relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali tagħhom.

Il-FSE ser jagħtu s-setgħa lill-partijiet biex jieħdu miżuri xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva jew ta' ġestjoni ħażina. Fir-rigward tal-kwistjoni tat-telf ta' dazji doganali marbuta mal-ġestjoni ħażina ta' importazzjonijiet preferenzjali, miżuri xierqa jistgħu jiġu identifikati abbażi ta' deċiżjoni tal-Kunsill orizzontali.

3.5. *Id-dwana, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, il-miżuri kontra l-frodi u r-responsabbiltà finanzjarja*

In-negozjati għandhom jimmiraw li jissimplifikaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri kollha relatati mal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċessi doganali, il-liċenzjar tal-importazzjoni, il-valutazzjoni doganali, ir-regoli ta' tranżitu u l-ispezzjoni tal-merkanzija qabel il-ġarr, abbażi tal-ogħla standards internazzjonali u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO. IL-FSE ser jinkludu Protokoll dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali. Dawn ser jinkludu wkoll klawsola kontra l-frodi biex jiġi evitat l-abbuż ta' preferenzi tariffarji.

## 4. Kummerċ fis-Servizzi, l-Investiment u l-Kummerċ Diġitali

4.1. *Ambitu*

Il-FSE ser jipprevedu liberalizzazzjoni progressiva u reċiproka ta' kummerċ f'servizzi u investiment li jimmira lejn l-assigurazzjoni ta' livell komparabbli ta' opportunitajiet ta' aċċess għas-suq, konsistenti mar-regoli rilevanti tad-WTO, b'mod partikolari l-Artikolu V tal-GATS, b'kont meħud tal-livell ta' żvilupp tal-pajjiżi AKP ikkonċernati. Il-FSE għandhom ikopru l-modi kollha ta' provvista.

Il-kwalità għolja tal-utilitajiet pubbliċi tal-UE għandha tiġi ppreservata skont it-TFUE u b'mod partikolari mal-Protokoll nru 26 dwar is-Servizzi ta' Interess Ġenerali, u għandhom jitqiesu l-impenji tal-UE f'dan il-qasam, inkluż il-GATS. Is-servizzi fornuti fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva kif definit skont l-Artikolu I-3 tal-GATS għandhom jiġu esklużi minn dawn in-negozjati. Il-FSE jaffermaw mill-ġdid id-dritt tal-partijiet li jirregolaw l-attività ekonomika fl-interess pubbliku skont l-obbligi internazzjonali.

Barra minn hekk, il-FSE għandu jkun fihom dixxiplini regolatorji maħsuba biex jindirizzaw l-ostakli fil-fruntieri, inkluż, fejn applikabbli, fil-qasam tar-regolamentazzjoni domestika. Il-FSE jistgħu jinkludu wkoll dixxiplini dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni relatati mal-investimenti.

Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni li qed tiżdied tal-kummerċ u tad-dimensjonijiet b'saħħithom tal-iżvilupp tal-kummerċ diġitali, in-negozjati jenħtieġ li jirriżultaw f'regoli li jkopru l-kummerċ diġitali, inkluż il-flussi ta' data transfruntiera, filwaqt li la jiġu nnegozjati u lanqas ma jiġu affettwati r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-UE. Dawn ir-regoli għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet għall-kummerċ diġitali għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi, u li jżidu l-parteċipazzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs), kif ukoll joħolqu opportunitajiet ġodda biex jippromwovu tkabbir u żvilupp inklużiv u sostenibbli. Il-FSE għandhom jipprovdu flessibbiltà xierqa, kooperazzjoni u djalogu dwar kwistjonijiet regolatorji mqajma mill-kummerċ diġitali.

Il-FSE ser jipprevedu li s-servizzi awdjoviżivi jiġu ttrattati b'mod separat fi ftehimiet speċifiċi għal kooperazzjoni u sħubija kulturali bejn il-partijiet. Tali ftehimiet ser jiżguraw il-possibbiltà li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kif ukoll lill-AKP jippreservaw u jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jiddefinixxu u jimplimentaw il-politiki kulturali u awdjoviżivi tagħhom għall-preservazzjoni tad-diversità kulturali tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxu, jippreservaw u jippromwovu l-valuri kulturali u l-identitajiet tal-AKP biex irawmu d-djalogu interkulturali billi

jtejbu l-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għall-prodotti u s-servizzi kulturali ta' dawn il-pajjiżi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjoni rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

Il-partijiet ser jaqblu li l-ebda miżura ġdida jew aktar diskriminatorja ma tiġi introdotta minn waħda mill-partijiet wara l-applikazzjoni tal-FSE bejn ir-raggruppament reġjonali u l-Unjoni Ewropea. Il-partijiet għandhom iqisu dan il-prinċipju mill-bidu tan-negozjati.

Il-proċess ta' liberalizzazzjoni ser isir fuq bażi asimmetrika. Il-pajjiżi tal-AKP ser jingħataw ċertu miżura ta' flessibbiltà skont il-livell tal-iżvilupp tagħhom f'termini ġenerali kif ukoll f'termini ta' settur u sottosettur skont id-dispożizzjonijiet tal-GATS, b'mod partikolari dawk relatati mal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-ftehimiet ta' liberalizzazzjoni.

Għall-Unjoni Ewropea, il-perijodu ta' transizzjoni ma għandux jaqbeż l-għaxar snin.

Għan-naħa tal-AKP, perijodu ta' transizzjoni, kompatibbli mal-objettivi tal-Ftehim ta' Cotonou, il-ftehim suċċessur tiegħu u r-regoli tad-WTO, ser jiġi applikat b'mod flessibbli, biex jitqiesu r-restrizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi tal-AKP ikkonċernati, iżda fil-prinċipju ma għandux jaqbeż il-15-il sena.

Il-pajjiżi tal-AKP li huma parti mill-FSE ser jintrabtu li japplikaw tal-anqas l-istess arranġamenti bejniethom li japplikaw għall-Unjoni Ewropea.

Il-FSE ser jerġgħu jikkonfermaw l-impenji relatati mas-servizzi li saru taħt il-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

4.2. *Arranġamenti prattiċi*

Fejn iġġustifikat minn restrizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali partikolari li jiltaqgħu magħhom il-pajjiżi tal-AKP, in-negozjati jistgħu jiġu posposti. F'dan il-każ, il-partijiet ser jivvalutaw regolarment is-sitwazzjoni matul in-negozjati tal-FSE. Huma ser jiżguraw li l-fażi preparatorja għal dawn in-negozjati tintuża attivament għat-tħejjija għan-negozjati, b'mod partikolari permezz tal-mobilizzazzjoni ta' appoġġ adatt għall-iżvilupp ta' servizzi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou, b'mod partikolari l-Artikolu 41(5) tiegħu, u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

## 5. Pagamenti kurrenti u Movimenti ta' Kapital

Il-FSE jikkonfermaw mill-ġdid l-impenji meħuda fil-qafas tal-Artikolu 12 tal-Anness II tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

Il-FSE għandhom jimmiraw għal-liberalizzazzjoni sħiħa ta' ħlasijiet kurrenti u movimenti ta' kapital relatati ma' transazzjonijiet koperti fil-FSE. Huma għandhom jinkludi d-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja u ta' eżenzjoni fiskali kollha (pereżempju dwar l-Unjoni ekonomika u monetarja u l-bilanċ tal-pagamenti), li għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital.

## 6. Oqsma relatati mal-Kummerċ

6.1. *Ġenerali*

Il-FSE ser jikkonfermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi f'oqsma relatati mal-kummerċ meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou ([3]) u l-ftehim suċċessur tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi), l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, il-kummerċ u l-ambjent, il-kummerċ u l-istandards tax-xogħol, il-politika tal-konsumatur u l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur. Dawn id-dispożizzjonijiet fil-FSE ser jiġu riveduti fid-dawl tar-riżultati tan-negozjati kummerċjali multilaterali, plurilaterali u bilaterali li ġejjin.

6.2. *Oqsma speċifiċi*

Barra minn hekk, dan li ġej japplika fir-rigward tal-oqsma li ġejjin:

**Investiment**. F'konformità mal-objettiv li "jitnaqqas u eventwalment jinqered il-faqar konsistenti mal-objettiv ta' żvilupp sostenibbli" (u fir-rigward tal-Artikoli 1, 29, 75 sa 78, u tal-Anness II tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba jkun applikabbli) il-partijiet jaqblu li jistabbilixxu qafas regolatorju li għandu jiffaċilita, itejjeb u jistimula investiment sostenibbli ta' benefiċċju reċiproku bejniethom, filwaqt li jqisu l-inizjattivi multilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment. Dan il-qafas ser ikun

([3]) l-Artikoli 45 sa 51 u 78 tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjoni rilevanti tal-Ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

ibbażat fuq prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ftuħ, trasparenza u stabbiltà. Il-partijiet ser irawmu l-iżvilupp ta' ambjenti ta' investiment attraenti u stabbli billi jappoġġaw regoli stabbli u trasparenti għall-investituri, u jfittxu li jtejbu l-inklużjoni finanzjarja u l-aċċess għall-finanzi.

Fejn identifikat miż-żewġ partijiet bħala qasam għal negozjar, u soġġett għal direttivi ta' negozjar speċifiċi għall-pajjiż jew għar-reġjun, jistgħu jiġu nnegozjati dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment. Dawn għandhom ikunu konformi mal-approċċ riformat tal-UE għall-protezzjoni tal-investiment, inkluż is-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiżguraw ukoll protezzjoni b'saħħitha tal-investituri u l-investimenti, filwaqt li jippreservaw bis-sħiħ id-dritt tal-partijiet li jirregolaw fit-territorji tagħhom li jiksbu għanijiet leġittimi ta' politika. In-negozjati possibbli għandhom iqisu wkoll il-prinċipji u l-linji gwida rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment relatati mal-iżvilupp sostenibbli u mal-kondotta responsabbli tan-negozju, kif imsemmi fl-approċċ riformat tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-investiment.

**Akkwist Pubbliku**. Il-FSE ser ikollhom l-għan li jiżguraw trasparenza sħiħa fir-regoli u l-metodi tal-akkwist fil-livelli kollha tal-gvern skont il-prinċipji tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (WTO). Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jfittxu liberalizzazzjoni progressiva tas-swieq tal-akkwist tagħhom abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u b'kont meħud tal-livelli ta' żvilupp tagħhom.

**Standards, Regolamenti Tekniċi u Valutazzjoni tal-Konformità**. Il-FSE għandu jkun fihom kapitolu komprensiv dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (OTK), li jibni fuq il-Ftehim tad-WTO dwar l-OTK. Dan il-kapitolu għandu jimmira lejn, fost l-oħrajn, il-kompatibbiltà u l-konverġenza tar-regolamenti tekniċi permezz tal-applikazzjoni ta' standards internazzjonali, is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ttestjar u ċ-ċertifikazzjoni permezz tal-adozzjoni ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità bbażati fuq ir-riskju u t-tisħiħ tat-trasparenza.

**Standards Sanitarji u Fitosanitarji**. Il-FSE għandhom jinkludu kapitolu komprensiv dwar l-Istandards Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), f'konformità ma' ftehimiet reċenti oħra tal-UE. Filwaqt li jibnu fuq il-prinċipji tal-Ftehim tad-WTO dwar l-SPS, in-negozjati għandhom jimmiraw li jinkludu kwistjonijiet, bħall-użu ta' standards internazzjonali (IPPC, OIE u Codex), it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni, l-evitar ta' dewmien bla bżonn, l-armonizzazzjoni, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza, ir-rikonoxximent tal-istatus tas-saħħa u tal-pesti, ir-reġjonalizzazzjoni (tqassim f'żoni), il-kontroll, l-ispezzjoni u l-approvazzjoni tal-proċeduri, il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-verifika, iċ-ċertifikazzjoni, il-verifiki fuq l-importazzjoni, il-miżuri ta' emerġenza, l-elenkar minn qabel fil-qasam veterinarju, it-trattament tal-Unjoni Ewropea bħala entità unika, il-kooperazzjoni teknika, il-kooperazzjoni mtejba dwar ir-reżistenza antimikrobika u l-benessri tal-annimali u l-mekkaniżmi biex jiġi indirizzat it-tħassib kummerċjali speċifiku relatat mal-miżuri SPS. Barra minn hekk, il-kapitolu għandu jenfasizza r-rilevanza tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet f'każ li l-istandards jinbidlu u l-ħtieġa għal politiki ta' appoġġ, inkluż il-kooperazzjoni teknika.

**Protezzjoni tad-data**. Il-FSE ser jistabbilixxu l-objettiv li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali permezz ta' reġimi u politiki legali xierqa, inkluż infurzar effettiv minn awtoritajiet superviżorji indipendenti, bħala fattur ċentrali għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-ekonomija diġitali u element ewlieni biex jiġu ffaċilitati l-iskambji kummerċjali u l-kooperazzjoni fl-infurzar bejn il-Partijiet.

**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali**. Il-FSE għandhom joħolqu livell adegwat, ibbilanċjat u effettiv ta' protezzjoni u jipprevedu dispożizzjonijiet ta' infurzar ċivili u fuq il-fruntieri fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż l-indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ), li jmorru lil hinn mill-Ftehim tad-WTO dwar l-Aspetti relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (il-Ftehim TRIPS). Il-FSE għandhom jaffermaw mill-ġdid il-flessibbiltajiet skont il-Ftehim TRIPS. Il-FSE għandhom jagħrfu l-importanza tad-dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, li ġiet adottata fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont il-FSE, il-partijiet jiżguraw konsistenza mad-Dikjarazzjoni ta' Doha. Fost affarijiet oħra, il-partijiet għandhom jimplimentaw l-Artikolu 31bis tal-Ftehim TRIPS, kif ukoll l-Anness u l-Appendiċi għall-Anness relatat miegħu, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2017.

L-FSE għandhom jipprovdu protezzjoni diretta u rikonoxximent effettiv permezz ta' qbil dwar lista ta' IĠ (inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u affarijiet tal-ikel), abbażi tal-livell għoli ta' protezzjoni stabbilit fl-Artikolu 23 tat-TRIPS, inkluż kontra l-evokazzjoni, l-użurpazzjoni tad-denominazzjonijiet, l-infurzar adegwat u effettiv, il-koeżistenza ma' trademarks "bona fede" preċedenti, il-protezzjoni kontra ġeneriċità sussegwenti, u dispożizzjonijiet fir-

rigward taż-żieda ta' IĠ ġodda. Kwistjonijiet li jikkonċernaw drittijiet individwali preċedenti, pereżempju dawk marbuta mal-varjetajiet tal-pjanti, it-trademarks, użi ġeneriċi jew użi oħrajn leġittimi preċedenti, għandhom jiġu indirizzati bil-ħsieb li jiġu riżolti konflitti eżistenti b'mod reċiprokament sodisfaċenti.

**Kummerċ u Kompetizzjoni**. L-FSE għandu jkollhom l-għan li jimminimizzaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni permezz ta' dispożizzjonijiet dwar il-politika tal-kompetizzjoni, is-sussidji u l-intrapriżi tal-istat. Id-dispożizzjonijiet ma jimpedixxux it-twettiq tas-servizzi pubbliċi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ser jippermettu flessibbiltà xierqa biex jiġu implimentati miżuri biex jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, jiġi indirizzat il-faqar jew jinkisbu għanijiet oħra ta' politika pubblika bħas-sigurtà tal-ikel.

**Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli**. Il-FSE għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u jaderixxu mal-prinċipji u r-regoli rilevanti maqbula internazzjonalment dwar id-drittijiet tax-xogħol, inkluż in-nondiskriminazzjoni tal-ġeneru.

Għalhekk, il-FSE għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-titjib tal-opportunitajiet għan-nisa fil-kummerċ, u aspetti ambjentali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż is-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, il-bijodiversità, il-foresti u l-prodotti tal-forestrija, u dawk relatati mat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi u l-inizjattivi relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħal fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

Il-FSE għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jippromwovu l-aderenza mal-prinċipji u r-regoli rilevanti maqbula internazzjonalment u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, inkluż l-istandards fundamentali tax-xogħol u l-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, kif ukoll tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u djalogu soċjali kif ukoll il-protezzjoni soċjali u tax-xogħol. Huma għandhom jinkludu impenn minn kull Parti biex isiru sforzi kontinwi u sostnuti lejn ir-ratifika ta' konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

Il-FSE għandhom jaffermaw mill-ġdid id-dritt tal-partijiet li jirregolaw fil-qasam tax-xogħol u fil-qasam ambjentali, b'mod konsistenti mal-impenji internazzjonali tagħhom u jinkoraġġixxu livelli għolja ta' protezzjoni, inkluż billi jqisu l-aktar opzjonijiet ambjentali vantaġġużi. Għandhom itenni r-rispett lejn il-prinċipju ta' prekawzjoni. Għandhom jinkludi dispożizzjonijiet biex il-livelli ta' protezzjoni tax-xogħol u ambjentali ma jitnaqqsux biex jgħinu l-kummerċ u l-investiment dirett barrani. Dawn għandhom jinkludu impenn li ma jingħatawx derogi mill-infurzar tal-liġijiet domestiċi tax-xogħol u ambjentali jew li dawn il-liġijiet ma jiġux infurzati.

Il-FSE għandhom jippromwovu kontribuzzjoni akbar mill-kummerċ u mill-investiment, inkluż l-investiment dirett barrani lejn l-iżvilupp sostenibbli, inkluż billi jiġu indirizzati oqsma bħall-faċilitazzjoni tal-kummerċ fi prodotti u f'servizzi ambjentali u li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u l-promozzjoni ta' skemi volontarji ta' żgurar tas-sostenibbiltà u tar-responsabbiltà korporattiva soċjali, b'rispett għall-istrumenti rikonoxxuti internazzjonalment u billi jinkoraġġixxu lill-partijiet jużaw prattiċi internazzjonali, inkluż linji gwida tal-OECD u tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li huma speċifiċi għas-settur.

Il-FSE għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mekkaniżmu biex jindirizza kwalunkwe tilwim li jinqala' bejn il-partijiet. L-FSE għandhom jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-korpi tas-soċjetà ċivili, inkluż konsultazzjonijiet regolari u azzjoni ta' komunikazzjoni. Dawn il-korpi għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim kollu u jkollhom rwol konsultattiv għall-partijiet.

**Djalogu dwar l-Agrikoltura**. Minħabba r-rilevanza tas-settur agrikolu għall-iżvilupp soċjoekonomiku u s-sigurtà tal-ikel tal-pajjiżi AKP, il-FSE għandhom jipprevedu djalogu dwar l-agrikoltura (Sħubija Agrikola), li jista' jkopri kwistjonijiet bħall-komoditajiet (speċjalment dawk rilevanti għas-sigurtà tal-ikel) u l-katini ta' valur reġjonali, l-użu ta' teknoloġiji ġodda, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-aċċess għas-suq, l-investimenti responsabbli, ir-riċerka u l-innovazzjoni b'attenzjoni xierqa għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll il-bijodiversità u s-sistemi tal-ikel sostenibbli.

6.3. *Implimentazzjoni*

Il-Kunsill tal-FSE (ara hawn taħt, il-punt 8), megħjun minn Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni magħmul minn esperti tekniċi għolja, ser jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Il-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni ser jiltaqa' fuq bażi regolari u mill-inqas darba fis-sena. Huwa ser ifassal rapporti annwali li jivvalutaw il-progress li jkun sar u jifformula rakkomandazzjonijiet dwar miżuri għal aktar kisbiet, inkluż l-għoti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjoni rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli. Jistgħu jiġu kkunsidrati sottokumitati speċjali għal ċerti oqsma relatati mal-kummerċ, jekk ikun meħtieġ.

7. **Kumplimentarjetà**

Il-FSE u l-istrateġiji ta' żvilupp tas-sħab tal-AKP għandhom ikunu ta' appoġġ reċiproku. B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-objettivi tal-FSE, il-partijiet AKP ser jimpenjaw ruħhom li jintegraw bis-sħiħ l-FSE fi ħdan l-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom u li l-Unjoni Ewropea tagħmel l-istess fi ħdan l-istrateġiji tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan ikun jinkludi t-trawwim ta' appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs), inkluż id-dimensjoni tal-ġeneru tiegħu u jenfasizza l-importanza tal-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru għas-segwitu u l-implimentazzjoni. Il-partijiet ser jimpenjaw ruħhom li jallokaw riżorsi adegwati għal dak il-għan fil-programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjoni rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

8. **Qafas Istituzzjonali**

Għal kull FSE ser jiġi stabbilit Kunsill Konġunt tal-FSE, li ser iwettaq il-funzjonijiet li ġejjin:

— jiżgura li l-FSE jopera kif suppost;

— jistudja l-iżvilupp ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn il-partijiet;

— ifittex metodi xierqa biex jiġu evitati problemi li jistgħu jinqalgħu f'oqsma koperti mill-FSE, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tal-objettivi ta' żvilupp tal-FSE;

— jiġu skambjati opinjonijiet u jsiru rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni ta' interess komuni relatata mal-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali, inklużi azzjonijiet futuri għall-implimentazzjoni xierqa tal-FSE u, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tiġi pprovduta kooperazzjoni għall-iżvilupp skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli.

Il-kompożizzjoni, il-frekwenza, l-aġenda u l-post tal-laqgħat konġunti tal-Kunsill tal-FSE ser jiġu miftiehma permezz ta' konsultazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Kunsill tal-FSE ser ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha koperti mill-FSE. Huwa ser jirrapporta lill-Kunsill tal-Ministri stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni għall-Grupp sħiħ tal-Istati AKP u l-Unjoni Ewropea.

Il-FSE għandhom jipprevedu konsultazzjonijiet u komunikazzjoni regolari mas-soċjetà ċivili.

9. **Klawsola ta' Eċċezzjonijiet**

Il-FSE ser jinkludu klawsola ta' eċċezzjonijiet standard, applikabbli għall-partijiet rilevanti ta' dawn il-ftehimiet, li tippermetti li jittieħdu miżuri, pereżempju, għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-ordni pubbliku, il-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, l-annimali jew il-pjanti, il-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jinħlew, eċċ., dment li tali miżuri jiġu applikati f'konformità mar-regoli tad-WTO.

10. **Dispożizzjonijiet Finali**

Il-FSE ser jinkludu:

— kapitolu dwar is-soluzzjoni ta' tilwim u klawsola dwar in-nuqqas ta' eżekuzzjoni, inkluż dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għall-Artikoli 96 u 97 tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba applikabbli. Id-dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar materji relatati mal-kummerċ jew mal-kummerċ mhux ser jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet skont ir-regoli tad-WTO, b'mod partikolari l-Ftehim dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim;

— klawsola dwar żviluppi futuri li tipprovdi li l-FSE jistgħu jiġu estiżi, b'mod partikolari permezz tal-adeżjoni, jew amalgamati, skont il-progress li sar fl-integrazzjoni reġjonali;

— klawsola dwar id-dħul fis-seħħ tagħhom, it-tul (mingħajr limitu), it-terminazzjoni, l-avviż meħtieġ għad-denunzja u klawsola ta' applikazzjoni territorjali.

Għall-għan tal-FSE, il-partijiet fuq in-naħa tal-AKP għandha tfisser ir-raggruppament reġjonali jew l-Istati Membri tagħha jew ir-raggruppament reġjonali u l-Istati Membri tagħha, skont l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom. IL-FSE għandhom japplikaw ukoll għal miżuri meħuda minn kwalunkwe awtorità statali, reġjonali jew lokali fit-territorji tal-partijiet.

11. **Strutura u Organizzazzjoni tan-Negozjati**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba jkun applikabbli, il-perijodu ta' negozjati ser jintuża wkoll għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-settur pubbliku u privat tal-pajjiżi tal-AKP, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiddefinixxu u jimplimentaw strateġiji u politiki kummerċjali reġjonali u multilaterali xierqa. Dan ser jinkludi miżuri għat-tisħiħ tal-kompetittività, għat-tisħiħ ta' organizzazzjonijiet reġjonali u għall-appoġġ ta' inizjattivi ta' integrazzjoni tal-kummerċ reġjonali, fejn xieraq b'assistenza għal aġġustament baġitarju u riforma fiskali, kif ukoll għat-titjib tal-infrastruttura, u għat-titjib tal-investiment. Dawn il-miżuri ser jiġu ssorveljati fil-livell reġjonali, fejn xieraq mir-raggruppament reġjonali involut fin-negozjati tal-FSE u l-Unjoni Ewropea. Fost affarijiet oħra, dak ir-raggruppament reġjonali ser jipprovdi suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati fi ħdan id-djalogu nazzjonali u reġjonali dwar l-ipprogrammar bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-AKP.

Ser jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa biex jiġi żgurat li l-atturi mhux statali fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi AKP ser jiġu infurmati u kkonsultati dwar il-kontenut tan-negozjati u li tiġi żgurata koordinazzjoni mad-djalogi AKP-UE li għaddejjin bħalissa.

Dawn id-direttivi ser jiġu rieżaminati, u fejn xieraq jiġu riveduti, mill-inqas kull 10 snin.